MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 1277/2003

**Carmen Ghariani ammessa ghall-beneficcju ta' l-Ghajnuna Legali b'digriet ta' din il-Qorti tas-26 ta' Marzu 2003 u giet awtorizzata tistitwixxi din il-kawza b'digriet tas-Sekond'Awla ta' din il-Qorti tat-12 ta' Novembru 2003 (Digriet Nru. 1725/03).**

**vs**

**Dr. Renzo Porsella Flores u l-P.L. Veronica Rossignaud nominati b'digriet ta' l-4 ta' Marzu 2003 kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Hasan Mahdi Mohammed Ghariani.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 26 ta' Novembru 2003 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fis-17 ta' April 1981;

Illi l-konvenut sar hati kontra l-attrici martu, t'abbandun, sevizzji u ngurji gravi;

Illi l-konvenut ilu li telaq minn Malta u abbanduna lil martu ghaxar snin, u b'hekk iz-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment;

Illi ghalhekk, l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex:-

1) Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti bi htija unikament tal-konvenut;

2) Tawtorizza lill-attrici tkompli tabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut;

3) Tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghaliha manteniment xieraq fl-ammont li jigi ffissat minn din il-Qorti;

4) Tordna c-cessazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti;

5) Tordna l-likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti gja` ezistenti bejniethom u taqsam l-assi komprizi fil-komunjoni f'zewg porzjonijiet u tassenja lill-attrici porzjon spettanti lilha;

6) Tordna d-dekadenza tal-konvenut mill-jeddijiet konjugali kif previst fl-artikoli rilevanti tal-Kodici Civili u tapplika dawk id-dispozizzjonijiet tal-Kodici Civili li huma applikabbli ghall-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici u l-lista ta' xhieda a fol 3 u 4 tal-process;

Rat it-talba ta' l-attrici sabiex tigi ammessa ghall-beneficcju gratuitu datata 12 ta' Frar 2003;

Rat id-digriet sussegwenti fejn il-Qorti laqghet it-talba u nnominat lil Dr. Tonio Azzopardi u l-P.L. Hilda Ellul Mercer bhala Difensuri ta' l-Ghajnuna Legali;

Rat id-digriet ta' l-4 ta' Marzu 2003 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Renzo Porsella-Flores u l-P.L. Veronica Rossignaud bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Hasan Mahdi Mohammed Ghariani;

Rat id-digriet ta' nota guramentata u d-digriet ta' l-affidavits tal-partijiet datati 24 ta' Frar 2004;

Rat in-nota ta' l-attrici datata 3 ta' Marzu 2004 fejn permezz taghha esebiet l-affidavit taghha;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti datata 24 ta' Marzu 2004 fejn gie eccepit:-

1. Illi huma ma jafu xejn dwar il-fatti tal-kawza u ghalhekk jirrizervaw id-dritt li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom aktar 'il quddiem.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta' xhieda a fol. 35 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduta ta' l-24 ta' Gunju 2004 fejn gie revokat l-inkarigu tal-Perit Legali u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Gunju 2004;

Rat id-dokumenti esebiti;
Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut abbanduna lill-attrici xi hdax snin ilu meta l-Pulizija kien marru d-dar ta' l-istess konvenut fejn sabu kwantita' ta' droga. Kien ghalhekk li harab minn Malta fl-10 ta' Novembru 1993 u fil-fatt sa llum l-attrici ma tafx fejn qieghed il-konvenut.

Illi jirrizulta li ma kien hemm ebda tfal fiz-zwieg u ma gew prodotti l-ebda provi li l-kommunjoni ta' l-akkwisti kellha xi

assi ta' valur u allura prevja li tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti b'effett mill-10 ta' Novembru 1993, din il-Qorti tiddikjara li ma hemm xejn x'jigi likwidat u diviz, filwaqt li l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha abbazi ta' abbandun *da parte* tal-konvenut, li ghandhom ukoll jigu applikati kontra tieghu d-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16** fl-intier taghhom.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati biss in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1) Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti bi htija unikament tal-konvenut u dan peress li l-konvenut abbanduna lill-attrici u z-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

2) Tawtorizza lill-attrici tkompli tabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut.

3) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba *stante* li ma hemm l-ebda prova dwar l-introjtu tal-konvenut, b'dan li jiqba' rizervat favur l-attrici kull dritt ta' manteniment kontra l-konvenut, jekk isir maghruf l-introjtu tieghu.

4) Tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti b'effett mill-10 ta' Novembru 1993.

5) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba *stante* li l-komunjoni ta' l-akkwisti ma kienet tikonsisti f'xejn ta' valur u allura ma hemm xejn x'jigi likwidat u diviz.

6) Tordna d-dekadenza tal-konvenut mill-jeddijiet konjugali kif previst fl-artikolu **48 tal-Kap 16** li qed jigu applikati kontra l-konvenut fl-interita' taghhom.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut assenti filwaqt li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------